**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 09**

**Data: 29 ta' Jannar, 2020**

**Hin: 3.00pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

09.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

09.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

09.5 Korrispondenza u Rapporti;

09.6 Performance Bonus ta' l-Impjegati;

09.7 Attivitajiet ta' l-ahhar kwart;

09.8 Xogholijiet u Progetti;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

09.9 Budget;

09.10 Skeda ta' Pagamenti;

09.11 Laqgha Annwali tal-Lokalita';

09.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**09.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

09.1.1 Tonio Mifsud cempel u nforma lill-Kunsill li ser jkun tard peress li kien gej minn Malta. Il-Kunsill laqa' t-talba tieghu u giet skuzat.

**09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

09.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.3.1 Is-Sindku aggorna lil Kunsill fir-rigward tax-xiri tat-tinda fejn qed jithejjew d-dokumenti mehtiega l-kwotazzjonijiet.

09.3.2 Fir-rigward tal-Cat Café' li l-Kunsill qabel li ghandu jigi nstallat, dan ghandu jitpogga n-naha t'isfel ta' Triq Trux. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

09.3.3 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill fir-rigward tal-ktieb tat-turizmu li gie diskuss fl-laqgha precedenti fejn spjega li kienu intalbu kwotazzjonijiet.

09.3.4 Gie spjegat li fir-rigwarda ta' l-ERT kienet saret laqgha din il-gimgha mall-persuna mil-lokalita' li hija intiza f'dan il-qasam. Hija ser tkun qed tipprepara program sabiex jigi diskuss fil-laqgha li jmiss sabiex tinbeda l-promozzjoni u ssir is-sejha ghall-voluntiera.

09.3.5 Dwar id-dar ta' Frangisk Portelli kien hemm qbil unanimu li ghandha ssir talba sabiex din tigi skedata.

09.3.6 Gie spjegat li l-iskema ta' l-immanigjar tat-traffiku kellha tasal ghand il-Kunsill illum pero' l-persuna li kienet qeghda tahdem fuqha ma setghetx tiffinalizza minhabba funeral tal-familja.

09.3.7 Is-Sindku ssugerixxa sabiex matul ix-xhur tas-sajf isir summer club tal-crafts tradizzjonali. Joseph Mizzi innota li jkun hemm ukoll is-summer club ta' l-Parrocca. Fuq din in-nota, l-Kunsill qabel li tintbghat email lil Arcipriet dwar dan u jerga' jiddiskuti fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

09.3.8 Is-Sindku informa lill-kKunsill li ser isiru interviews minhabba haddiema mill-iskema tal-CIES. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun l-istess board li jaghmel l-interview tal-iskrivan.

09.3.9 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li din il-gimgha wasal rapport il-Kunsill fir-rigward tal-libreriji fejn dan jindika li l-Gharb qieghed il-Hames minn Ghawdex fl-uzu tal-librerija. Huwa ssugerixxa li ssir promozzjoni biex jithajjru aktar juzaw il-librerija. Gie spjegat li fl-istess waqt il-Kunsill kien irceiva korrispondenza dwar workshops li jistghu jsiru fil-librerija u ghal dan is-Sindku kien tkellem maghhom sabiex jitlobhom jibghatu l-proposti ta' x'jista' jsir. Il-proposta mibghuta giet diskussa fejn fost ohrajn gie issuggerit li l-lezzjonijiet jsiru kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt b'total ta' sitt lezzjonijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm fee abbinata bhala commitment fee. Is-Sindku ssugerixxa li ghandha tohrog sejha biex dawk interessati jkunu jistghu japplikaw. Miriam Borg issugeriet ukoll li jsir book club ghall-Adulti fejn dawn jiltaqghu flimkien jiddiskutu dwar il-ktieb u jiehu café'. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti

09.3.10 Is-Sindku spjega li l-Kunsill huwa involut fil-progett li qed isir faccata tas-Santwarju ta' Pinu peress li l-Kunsill ghadu f'idejh parti mill-propjeta'. Huwa qal li dan il-bini ser jitwaqqa' kollu u jinbena mill-gdid fejn il-Kunsill jinghata l-istess area li kellu kompluta inkluz il-meters tad-dawl u l-ilma kif kienu ezatt. Joseph Mizzi staqsa dwar meta huwa previst li jitlesta x-xoghol fejn gie spjegat li dan ghandu fil-miri li jitlesta' fi zmien sena.

09.3.11 Is-Sindku qal li l-manager tac-child care centre kienet avvicinat lill-Kunsill sabiex l-entratura tisaqqaf sabiex hemmhekk issir *reception* u jkollhom aktar fejn jahdmu internament. Huwa ssugerixxa li din il-parti tissaqqaf u tinghalaq permezz ta' aluminium u ipprezenta kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

09.3.12 Fir-rigward tal-parti t'isfel ta' Triq Trux is-Sindku spjega li kienet twahhlet grada li kienet fil-prevzjoni li tehel fuq sar il-culvert fi Triq Trux. Huwa spjega li din saret b'mod urgenti minhabba li fil-jiem li ghaddew xi persuni kienu waqqghu l-gebel li kienu imdwarin mal-culvert u ghaldaqstant sabiex nevitaw aktar vandalizmu ttellghu l-gebel u twahhlet il-grada.

09.3.13 Is-Sindku qal li qed ikun hawn diversi ilmenti minhabba li minkejja li jkun hemm sinjali sofor biex ma jsirx parkegg xorta wahda qed isir dan u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li jitwahhlu bollards biex zgur ma jsirx parkegg. Isemmew diversi postijiet fosthom fil-bidu ta' Triq Dun Alwig Mizzi, faccata ta' l-isqaq ta' ma' genb il-kazin tal-banda, kantuniera ma' genb il-Knisja fejn l-ewwel post kif tibda' Triq il-Madonna tal-Virtut u n-naha ta' wara tal-Knisja ma' genb il-kaxxa tat-telephone, Triq Trux kantuniera ma' Triq l-Isqof M. Molina, faccata tat-tieni sqaq fuq ix-xellug fi Triq Molina, fil-kantuniera ta' Triq Molina kif tikser int u sejjer ghal Pjazza Gerano, Triq ta' Sdieri Triq gdida Kantuniera ma' Triq Sdieri fejn il-

flats kif ukoll Triq Birbuba kantuniera ma' Triq Mongur. Kien suggerit li dawn isiru forma ta' U sabiex jekk il-Kunsill ikun jixtieq jista' jaghmel reklam bhal skeda ta' gbir ta' skart u informazzjoni ohra simili. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u mas-suggerimenti ta' Joseph Mizzi. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Miriam Borg issugeriet ukoll li jkun hemm stop sign ghat-traffiku li jkun hiereg mit-Triq Tumas Cassar ghal Triq il-Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**09.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

09.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fir-rigward ta' l-ismijiet ta' l-Isqaqien fi Triq Frenc ta' l-Gharb. Gie spjegat li dawn l-isqaqien kellhom numru. Is-Sindku spjega li sabiex isir isem gdid il-procedura kienet titlob li l-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tar-residenti li jkunu ser jigu affettwati. Huwa spjega ukoll li l-Kunsill dejjem kien jaghti l-isem skont iz-zona li jinsabu fiha. F'dan ir-rigward is-Sindku ssugerixxa li l-isqaq fejn hemm il-muzew ta' Frenc jissemma Ta' Flusa dak minnu 'l fuq lejn il-Knisja jisemma Ta' Gerita. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u kien qbil unanimu. Il-Kunsill qabel li ssir petizzjoni mar-residenti involuti u tigi pprezentata l-proposta. Il-Vici Sindku staqsa jekk in-numri tal-bibieb ikunux iridu jinbidlu fejn gie spjegat li dawn jibqghu dawk ezistenti.

09.4.2 Joseph Mizzi ssugerixxa li jsir lista' ta' personaggi mill-Gharb bhal ma' huma Tumas Cassar li ghalihom huma imsemmija toroq u ohrajn maghhom fejn dan it-taghrif jghin lir-residenti u vizitaturi jsiru jafu aktar dwar dawn il-persuni. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li tista' ssir bhala parti mill-gbir ta' informazzjoni li ser ikun qed jaghmel il-Kunsill. Is-Sindku issugerixxa li l-ismijiet tat-toroq jsiru fuq irhama u taht l-isem titnizzel nota ghal x'hiex jirreferi l-isem. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

09.4.3 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi dwar serq. Is-Sindku spjega li l-istess resident li tkellem mas-Sur Mizzi tkellem mieghu u hu kien issugerixxa lill-istess persuna sabiex taghmel rapport lill-pulizija. Is-Sindku zied jghid li kien bghat korrispondenza lis-Supretedent tad-distrett u kien qallu li ser izid iktar il-prezenza tal-pulizija fil-lokalita'.

09.4.4 Giet trattata mistqosija dwar il-'community police' fejn fuq din is-Sindku qal li kien tkellem mas-Supretedent u qallu li minhabba nuqqas ta' pulizija tkun ftit difficli li ssir pero' ser tinkiteb ittra bhala talba.

09.4.5 Giet trattata mistoqsija dwar servizz ta' cctv fil-permitru tal-lokalita' fejn gie spjegat li dwar dan il-Kunsill diga kien deciz f'laqgha precedenti u approva il-hrug ta' kwotazzjoni liema kwotazzjoni qed fis-suq u hekk kif jaghlaq iz-zmien ser tersaq quddiem il-board u wara titressaq fil-laqgha tal-Kunsill ghall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni.

09.4.6 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn staqsa jekk l-plakka ta' l-electric car tal-Kunsill tistax tintuza mir-residenti. Gie spjegat li din kienet ghall-vetturi tal-Kunsill u li diga kienu saru talbiet sabiex jehlu charging points ohrajn madwar il-lokalita'. Il-Kunsill ma qabilx li din ghandha tintuza mill-publiku.

09.4.7 Giet trattata mistqosija minghand Joseph Mizzi fir-rigward tal-latrina ta' Ta' Pinu fejn din kienet f'idejn l-Gharb Rangers F.C. u peress li f'dan il-post kien qed isir ix-xoghol ikunx possibli li dan minflok jiehdu hsieb il-latrina ta' fejn il-grawnd tal-futbol. Gie spjegat li dan ix-xoghol qed isir mill-haddiema tal-Kunsill u filwaqt li ftiehem hekk kif inghalqu il-latrini pubblici l-Gharb Rangers F.C. inghataw l-inkarigu jiehdu hsieb il-mobile toilets li kienu tpoggew temporanjament f'Ta' Pinu.

09.4.8 Giet trattata korrispondenza minghand Joseph Mizzi fejn talab liz-zghazagh ghall-informazzjoni dwar il-premju zaghaugh tas-sena inawgurazat mil-Kerygma. Gie spjegat il-Kunsill is-soltu jircievi applikazzjonijiet u din tkun diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill.

09.4.9 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Ambaxxatur V16 nominata kienet accettat u l-Kunsill kien qed jistenna l-konferma taghha permezz ta' l-email.

## 09.5 Korrispondenza u Rapporti

09.5.1 Giet trattata korrispondenza fir-rigward ta' l-Earth Hour fejn il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem. Gie diskuss kif jista' jippartecipa fejn il-Kunsill qabel li jew tintefa' l-Pjazza jew il-faccata tal-Knisja. Jekk tintefa' l-Pjazza l-problema hija li l-fanali jridu jintfew wiehed wiehed. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel li ghandu jitkellem ma' l-Inginier kif tista' ssir jew fil-kaz tintefa' l-faccata tal-Knisja. Il-Kunsill qabel ukoll li f'dan il-kaz ghandu jsir avviz fuq Facebook.

## 09.6 Performance Bonus ta' l-Impjegati

09.6.1 Il-Kunsill ddiskuta dwar il-performance bonus li jinghata lill-impjegati tal-Kunsill.
Is-Sindku ddikjara lill-Kunsill li fil-kaz ta' l-Assistent Principal huwa kelllu interess familjari u ghalhekk irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ppresieda l-Vici Sindku. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus ta' l-Assistent Principal fejn qabel unanimament li din ghandha tinghata l-performance bonus ta' 6%.
Is-Sindku rega' gie imsejha lura fil-kamra u kompla jippresiedi. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv u ta' l-iskrivan fejn approva unanimament il-performance bonus ta' 10% u 6% rispettivament.

## 09.7 Attivitajiet ta' l-ahhar kwart

09.7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet ta' l-ewwel kwart peress li t-titlu kien jghid ta' l-ahhar kwart bi zvista. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu l-attivita' tal-Valentine

fis-7 ta' Frar, li ghalija ser jattendi l-Onorevoli Perit Clint Camilleri Ministru ghal Ghawdex, l-attivita' tal-Karnival fis-16 ta' Frar u l-attivita' tal-fly to Smile bejn l-20 u 22 ta' Marzu li ghalihom qed issir talba biex tinghata l-ghajnuna minn xi entita'. Fir-rigward tal-Karnival gie spjegat li ser ikun hemm il-gruppi taz-zfin Maltin u Ghawdxin u inghata aktar dettalji dwar x'kien jinkludi l-program. Is-Sindku issugerixxa li bhal ma sar fis-snin l-imoghddija waqt l-attivita' tal-Karnival jitqassmu popcorn, mulled wine u prinjolata. Gie spjegat ukoll li dan jibda' fl-10am. F'dan ir-rigward is-Sindku ssugerixxa li terga' ssir il-kompetizzjoni tal-Maskart Misterjuz. Il-Kunsill qabel mal-programm u s-suggerimenti li saru.

3.52pm Tonio Mifsud dahal ghal-laqgha.

09.7.2 Attivita' ohra hija l-Infiorata tal-melh li tkun organizzata ta' kull sena f'Hadd il-Palm. Is-Sindku spjega li l-grupp ta' l-infjoraturi kien qed jikkunsidra l-possibilita' li jorganizza din l-Infiorata permezz tac-cana minflok melh. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ghandha titella'. Is-Sindku spjega li f'din il-gurnata tahbat ukoll Jum iz-Zghazagh u ghalhekk issugerixxa li ssir attivita' ghalihom. Saru suggerimenti fejn fost ohrajn gew issugeriti party fil-Pjazza, attivitajiet fil-ground, attivita' fejn il-Belveder ta' Triq il-Madonna tal-Virtut. Miriam Borg issugeriet ukoll xi loghob gewwa l-grawnd tal-futbol filwaqt li Tonio Mifsud issugerixxa l-loghoba tat-Tug of War biex terga titqajjem. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li l-ideja tkun li jorganizza mixja mill-Pjazza ghal San Dimitri fejn kull participant ihallas fee minima li tmur ghall-karita' u mal-wasla f'San Dimitri issir attivita' fuq il-post pero' qabel jitkellem ma' Fr. Samuel u jara jekk bhala adoloxxenti hux ser jaghmlu xi haga.

## 09.8 Xogholijiet u Progetti

09.8.1 Gie spjegat li l-kuntrattur ser jibda' il-program tax-xogholijiet fejn kien intalab li Triq il-Madonna tal-Virtut u Triq Tumas Cassar ghandhom isiru bil-framework agreement tat-2013 u l-ohrajn li ghalihom il-Kunsill kien inghata fondi mill-Ministeru ghal Ghawdex isiru bir-rati l-ohra ta' l-offerta'. Saret ukoll talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex isir update skond ir-rati ta' l-offerta' l-godda. Tonio Mifsud staqsa dwar il-kuntrattur ta' qabel. Gie spjegat li l-kuntratt mall-kuntrattur ta' qabel kien qabel l-ammont tal-kuntratt u ghaldaqstant il-Kunsill seta' juza' kuntratt gdid. Is-Sindku spjega ukoll li l-Kunsill kien diga kkomunika mal-Water Services Corporation biex jara jekk hemmx bzonn ta' bdil fil-water mains. Tonio Mifsud issugerixxa li l-Kunsill jitlob lill-entitajiet biex inehhu l-wires qabel issir it-triq. Giet spjegata l-procedura meta wiehed jitlob li jitnehhew minn mall-faccata u li dawn jinvolvu hafna spejjez li mhux possibli li jsir dan ix-xoghol. Is-Sindku qal li l-unika haga li tista' ssir huwa li jigu eliminati l-wires extra.

## 09.9 Budget

09.9.1 Is-Sindku qal li l-accountant tal-Kunsill qeghda tiffinalizza l-account pero'

sadanittant kien gie ippreparat draft budget skond l-allokazzjoni li giet moghtina din is-sena fejn b'differenza ghas-sena l-ohra kien hemm zieda ta' madwar €10,000 pero' fl-istess waqt il-Kunsill ser jibda' jkollu jhallas it-tipping fees. Huwa kompla billi ta spjegazzjoni ta' x'kienu jinkludi l-voti. Is-Sindku qal li c-child care kien hemm talba li jigu mpjegati bhala casual workers. Giet diskussa u qabel u ser jara x'inhuma l-proceduri biex jidhlu bhala casual workers.

**09.10 Skeda ta' Pagamenti**

09.10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**09.11 Laqgha Annwali tal-Lokalita'**

09.11.1 Il-Kunsill stenna pero' hadd ma' attenda ghal-laqgha annwali.

**09.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

09.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 27 ta' Frar, 2019 fit-8am.

09.12.2 Il-laqgha spiccat fil-5 pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |